Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 21/16

**Elmo Insurance Limited (C3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat George Mintoff u l-istess George Mintoff (appellati)**

**vs**

**Jonathan Aquilina (appellat) u Anthony Axiak (appellant)**

23 ta' Ottubru, 2018.

1. Permezz ta' Avviz ta' Arbitraggipprezentat fit-28 ta' Jannar 2013, is-socjeta' Elmo Insurance Limited (C-3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha George Mintoff u l-istess George Mintoff talbet li tithallas danni fl-ammont ta' €1,483.85 wara incident tat-traffiku li sehh fiyz-Zejtun fl- 20 ta' Mejju 2009, fejn kienet involuta il-vettura numru HBA 595 proprjeta' ta' George Mintoff, il-mutur numru GVP 417 li kien qieghed isuq Anthony Axiak u l-vettura LAJ 427 misjuqa mill-intimat l-iehor Jonathan Aquilina, flimkien mal-imghax mid-data tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Dicembru 2010 u l-ispejjez ta' dik il-procedura, inkluz dawk tal-ittra ufficjali msemmija, tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Dicembru 2012 u tal-ittra ufficjali ta' dik l-istess data fejn gew notifikati s-socjeta' GasanMamo Insurance Limited bil-proceduri tal-arbitragg.

2. Permezz ta' risposta pprezentata fil-21 ta' Frar 2013, l-intimat Jonathan Aquilina wiegeb li l-incident ma sehhx tort tieghu izda unikament b'tort ta'

Anthony Axiaq li kien qieghed isuq il-mutur numru GVP 417. L-intimat iddikjara li d-danni kienu wkoll qeghdin jigu kkontestati.

3. Permezz ta' risposta pprezentata fil-25 ta' Frar 2013, l-intimat Anthony Axiaq wiegeb li m'ghandux jinstab responsabbli ghall-incident peress li gara unikament tort tax-xufier tal-vettura bin-numru LAJ-427 li kien qieghed isuq Jonathan Aquilina, li ma harisx l-obbligi tieghu bhala sewwieq u ghamel manuvra perikoluza.

4. Fis-26 ta' Lulju 2016, it-Tribunal tal-Arbitragg filwaqt li rrileva li l-partijiet kienu qablu fis-seduta tal- 24 ta' Frar 2014 li x-xhieda migbura fil-proceduri ta' arbitragg numru M2711/2011 fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Ltd vs Anthony Axiak et** kellha tapplika wkoll ghall-kaz quddiemu, u filwaqt ukoll li ghamel riferenza ghall-lodo li ddecieda f'dawk il-proceduri, iddecieda li Anthony Axiak kien unikament responsabbli ghall-incident u ghalhekk ikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' €1,483.85, bl-imghax mit-30 ta' Dicembru 2010 u bl-ispejjez.

5. Fil-11 ta' Awissu, 2016 Anthony Axiak ipprezenta rikors tal-appell. L-aggravji huma li t-Tribunal:

    a. applika l-ligi hazin;
    b. aghmel apprezzament hazin tal-provi; u
    c. ma kellux jordna lil-intimat ghandu jhallas l-imghaxijiet mid-data tal-ittra ufficjali, ossija mit- 30 ta' Dicembru 2010.

6. Bi twegiba prezentata fid-29 ta' Awwissu 2017 l-atturi eccepew li l-appell kien null ghaliex prezentat *fuori termine.* Qalu wkoll li kienu qeghdin jirrimettu ruhhom ghad-decizjoni tal-qorti dwar min mill-konvenuti kien responsabbli ghall-incident. Dwar l-imghax argumentaw li ma kienx hemm bazi sabiex jintlaqa' t-tielet aggravju in kwantu ma kellhom l-ebda htija fid-dewmien tal-proceduri.

7. Il-konvenut Aquilina ma wegibx bil-miktub.

8. Fis-seduta tat-13 ta’ Lulju, 2018 id-difensuri tal-partijiet kollha ddikjaraw li ma kellhomx x’izidu ma’ dak li hemm fl-atti.

**Konsiderazzjoni**

9. Dwar l-eccezzjoni tan-nullita tal-appell, waqt is-seduta tat-18 ta’ Gunju, 2018 id-difensur tal-atturi ddikjarat li *"toqghod ghad-decizjoni tal-qorti"*. Fl-atti mhemmx prova li kien intbaghat avviz lill-partijiet dwar id-data meta t-Tribunal tal-Arbitragg kellu jaghti d-decizjoni. Dan ma kienx kaz fejn wara l-ahhar seduta, il-partijiet inghataw data meta kienet ser tinghata d-decizjoni. Jirrizulta wkoll li d-decizjoni nghatat fis-26 ta’ Lulju, 2016 u ntbaghtet kopja taghha bil-posta l-ufficcju tal-Avukat Generali. Fil-fatt jirrizulta li waslet f’dak l-ufficcju fis-27 ta’ Lulju, 2016 (ara dokument a fol. 31 u l-email li fis-27 ta’ Lulju, 2016 l-avukat li kienet qeghda tassisti lill-appellant baghtet lir-Registratur tac-Centru tal-Arbitragg). L-appellant ipprezenta l-appell fil-11 ta’ Awissu, 2016. Ghaldaqstant, huma zbjaljati l-atturi li l-appellant kellu sal-10 ta’ Awissu, 2016 sabiex jappella.

10. Fis-17 ta’ Novembru, 2017 il-qorti diga’ tat sentenza fir-rigward tal-incident tat-traffiku meritu tal-kawza, fl-appell **GasanMamo Insurance Limited (C3143) et vs Anthony Axiak u Jonathan Aquilina bhala kjamat in kawza**. Ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilta, il-provi li tressqu huma identici. Il-qorti wara li regghet qieset il-provi u l-argumenti tal-appellant, tapplika *mutatis mutandis* dak kollu li qalet f’dik is-sentenza fir-rigward tar-responsabbilta’ u tiddikjara li m’ghandhiex x’izzid.

11. Ghaldaqstant, Jonathan Aquilina ghandu zewg terzi (2/3) tal-htija filwaqt li Anthony Axiak ghandu terz (1/3).

12. Jibqa' t-tielet aggravju li bih l-appellant argumenta li l-imghax m'ghandux jithallas mit-30 ta' Dicembru, 2010. Hu spjega dan l-aggravju b'dan il-mod:

*"Il-fatt li dawn il-proceduri damu biex gew decizi certament li ma kienx tort tal-esponent. L-esponenti matul dan iz-zmien kien qieghed biss jiddefendi l-posizzjoni tieghu. Gara izda li f'nofs dan l-arbitragg l-ewwel Arbitru gie mahtur u li kien qieghed jisma' l-provi, waqaf minn kariga ta' arbitru ghalhekk kien hemm perjodu twil fejn ma kien qieghed isir xejn f'dan l-arbitragg sakemm instab arbitru iehor"*.

13. Il-hlas tal-imghax m'ghandu x'jaqsam xejn mad-dewmien ta' proceduri fit-Tribunal tal-Arbitragg.

**Ghal dan il-motivi:**

1. **Tichad l-eccezzjoni tan-nullita', bl-ispejjez a karigu ta' Elmo Insurance Limited u George Mintoff.**
2. **Sa fejn kompatibbli ma' dak li nghad hawn fuq, tilqa' parzjalment l-appell u tvarja d-decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg tas-26 ta' Lulju, 2016 billi:-**

    i. **Tiddikjara li l-appellant Anthony Axiak hu responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fl-20 ta' Mejju 2009 gewwa Vjal il-Hamsa u Ghoxrin ta' Novembru, Zejtun kwantu ghal terz (1/3) filwaqt li l-appellat Jonathan Aquilina hu responsabbli ghall-istess kwantu ghal zewg terzi (2/3).**
    ii. **Tikkundanna lill-appellant Axiak ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u erbgha u disghin ewro u tnejn u sittin centezmu (€494.62).**
    iii. **Tikkundanna lil Jonathan Aquilina jhallas lir-rikorrenti appellati s-somma ta' disa' mija u disgha u tmenin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€989.23).**

**iv. Tikkonferma dik il-parti tad-decizjoni li tirrigwarda l-imghax.**

**Salv ghal dak li nghad hawn fuq, il-kumplament tal-ispejjez taz-zewg istanzi jinqasmu in kwantu ghal terz (1/3) a karigu ta' Anthony Axiak u zewg terzi (2/3) a karigu ta' Jonathan Aquilina.**

Anthony Ellul.